REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2064

tal-25 ta' Awwissu 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u tax-Xlokk tal-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 ([2]) stabbilixxa pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran applikabbli mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019, wara li ġew ippreżentati tliet rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni fl-2016 minn għadd ta' Stati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran (il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta u s-Slovenja). Dawk it-tliet rakkomandazzjonijiet konġunti kienu jikkonċernaw rispettivament il-Baħar Mediterran tal-Punent, il-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Mediterran tax-Xlokk.

(2) Sabiex jiġu evitati kostijiet sproporzjonati għall-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/86 stabbilixxa eżenzjoni *de minimis* li tapplika għall-ispeċijiet demersali. Dan ir-Regolament jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.

(3) Il-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja ("il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica") u l-Greċja, l-Italja, Ċipru u Malta ("il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed") għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk rispettivament. Fis-7 u fl-14 ta' Mejju 2021, il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica u l-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed ippreżentaw evidenza xjentifika biex jitolbu l-estensjoni tal-eżenzjoni *de minimis* stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2017/86.

(4) L-eżenzjonijiet *de minimis* għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar fis-sajd li jimmiraw dawk l-ispeċijiet huma stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161 ([3]). B'kuntrast għal dan, l-eżenzjonijiet *de minimis* għall-qabdiet inċidentali ta' speċijiet pelaġiċi żgħar magħmula fis-sajd demersali jenħtieġ li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament kif mitlub fl-evidenza xjentifika ppreżentata mill-Gruppi ta' Livell Għoli.

(5) L-evidenza xjentifika ġiet ivvalutata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") bejn is-17 u l-21 ta' Mejju 2021 ([4]). Fit-13 u fil-21 ta' Lulju 2021, il-Gruppi ta' Livell Għoli Adriatica u Sudestmed ippreżentaw evidenza xjentifika aġġornata rispettivament li kienet allinjata mal-parir xjentifiku tal-STECF.

(6) Il-Kummissjoni tinnota li fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk, l-ispeċijiet jinqabdu fl-istess ħin, fi kwantitajiet li jvarjaw ħafna, u dan jagħmel approċċ ta' stokk uniku diffiċli. Barra minn hekk, dawk l-ispeċijiet jinqabdu minn bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira u jinħattu l-art f'ħafna postijiet differenti tal-ħatt l-art mifruxin ġeografikament tul il-kosta, u dan jirriżulta f'kostijiet sproporzjonati tal-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran (ĠU L 14, 18.1.2017, p. 4).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161 tat-23 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu tal-ħatt l-art għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran (ĠU L 30, 2.2.2018, p. 1).

([4]) Ir-Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Evalwazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet konġunti dwar l-obbligu ta' ħatt l-art (STECF-21-05) 2021 (Evaluation of the landing obligation joint recommendations (STECF-21-05)). Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
Disponibbli hawnhekk https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(7) L-STECF innota li l-approċċ *de minimis* ikkombinat inkluż fl-evidenza xjentifika pprovduta, ikopri grupp wiesa' ta' speċijiet b'firxa wiesgħa ta' rati ta' skartar, iżda qies tali kopertura wiesgħa bħala approċċ validu minħabba l-kumplessità tas-sajd fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk. Barra minn hekk, l-STECF qies li eżenzjonijiet *de minimis* individwali li jkopru speċi waħda x'aktarx li jirriżultaw f'ħafna eżenzjonijiet separati li daqstant ieħor jippreżentaw sfida biex jiġu mmonitorjati.

(8) Il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica pprovda evidenza xjentifika aġġornata dwar il-kostijiet sproporzjonati tal-immaniġġjar ta' qabdiet mhux mixtieqa. Għalkemm l-STECF innota li huma pprovduti stimi taż-żieda fil-kostijiet, huwa saħaq fuq id-diffikultajiet biex wieħed jiġġudika f'liema livell il-kostijiet huma sproporzjonati. L-STECF innota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet sproporzjonati tista' titlesta aktar u li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatti tal-eżenzjoni. L-STECF innota wkoll li t-tnaqqis tal-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv jew ta' żoni marini protetti jenħtieġ li jingħata prijorità. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn meħud mill-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica biex ikompli jaħdem fuq is-selettività u r-restrizzjonijiet spazjali tas-sajd bħala prijorità biex jinkiseb it-tnaqqis ta' qabdiet mhux mixtieqa. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża bil-livelli perċentwali proposti.

(9) L-evidenza xjentifika aġġornata għall-Adrijatiku tipproponi li l-eżenzjoni *de minimis* tiġi estiża, għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX). L-STECF qies li r-rata ta' skartar hija sinifikanti ħafna għal dan is-sajd, iżda li l-proġetti ta' selettività għadhom għaddejjin. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sena, bil-livelli perċentwali proposti. Sal-1 ta' Mejju 2022, il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica jenħtieġ li jippreżenta *data* addizzjonali, abbażi tal-istudji li għaddejjin u evalwazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni.

(10) Il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed ipprovda evidenza xjentifika aġġornata dwar il-kostijiet sproporzjonati tal-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa. Għalkemm l-STECF innota li huma pprovduti stimi taż-żieda fil-kostijiet, huwa saħaq fuq id-diffikultajiet biex wieħed jiġġudika f'liema livell il-kostijiet huma sproporzjonati. L-STECF innota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet sproporzjonati tista' titlesta aktar u li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatti tal-eżenzjoni. L-STECF innota wkoll li t-tnaqqis tal-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv jew ta' żoni marini protetti jenħtieġ li jingħata prijorità. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn meħud mill-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed biex ikompli jaħdem fuq is-selettività u r-restrizzjonijiet spazjali tas-sajd bħala prijorità biex jinkiseb it-tnaqqis ta' qabdiet mhux mixtieqa. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża bil-livelli perċentwali proposti.

(11) Minħabba l-għadd kbir ta' speċijiet differenti li jinqabdu fl-istess ħin f'operazzjonijiet tas-sajd demersali bl-użu ta' snanar, xolfa, għeżula u pariti fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk, il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed ippropona *de minimis* differenti għal xi speċijiet meta jinqabdu aktar ta' spiss u dawn jibbenefikaw minn limitu *de minimis* aktar baxx minn meta jinqabdu anqas ta' spiss. Minħabba li dan jirrifletti r-realtà tas-sajd imħallat fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tingħata bil-livelli perċentwali proposti.

(12) L-evidenza xjentifika aġġornata pprovduta għall-Baħar Mediterran tax-Xlokk tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni *de minimis*, għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % fl-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX). L-STECF qies li r-rata ta' skartar hija sinifikanti ħafna għal dan is-sajd, iżda li l-proġetti ta' selettività għadhom għaddejjin. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sena, bil-livelli perċentwali proposti. Sal-1 ta' Mejju 2022, il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed jenħtieġ li jippreżenta *data* addizzjonali, abbażi tal-istudji li għaddejjin u evalwazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni.

(13) Fl-evidenzi xjentifiċi aġġornati tagħhom, l-Istati Membri ġeddew l-impenn tagħhom li jżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd f'konformità mar-riżultati tal-programmi ta' riċerka attwali sabiex inaqqsu u jillimitaw il-qabdiet mhux mixtieqa u partikolarment il-qabdiet b'daqsijiet iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

(14) Fl-evidenza xjentifika aġġornata tagħhom, l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll li jidentifikaw aktar żoni ta' għeluq sabiex inaqqsu l-mortalità tal-ħut li għadu qed jikber.

(15) Il-miżuri mitluba huma f'konformità mal-Artikolu 15(4), il-punt (c).

(16) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art

L-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar Adrijatiku u tal-Baħar Mediterran tax-Xlokk għas-sajd demersali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM" ("GSAs") tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran ("GFCM") kif inhuma definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(b) "Baħar Adrijatiku" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 17 u 18;

(c) "Baħar Mediterran tax-Xlokk" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 14, 15, 16, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, u 27.

Artikolu 3

Eżenzjoni de minimis

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet ta' speċijiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(4), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013:

(a) fil-Baħar Adrijatiku:

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(ii) jew il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u t-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN);

(iii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ir-rapido (TBB);

(iv) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa 3 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 3 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN);

(vii) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond *(Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata *(Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw snanar u linji (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX);

(viii) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell *(Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

(b) fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk:

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(ii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN);

(iii) għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi li tinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(iv) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*), għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) u għall-awwisti (*Palinuridae*), sa massimu ta' 3 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN). F'każ li l-ħatt l-art ta' dawk l-ispeċijiet ikun anqas minn 25 % tal-ħatt l-art totali tas-sajd, il-kwantitajiet li għandhom jiġu skartati jistgħu jkunu sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet;

(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw is-snanar u l-linji (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX). F'każ li l-ħatt l-art ta' dawk l-ispeċijiet ikun anqas minn 25 % tal-ħatt l-art totali tas-sajd, il-kwantitajiet li jridu jiġu skartati jistgħu jkunu sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet;

(vii) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

2. Sal-1 ta' Mejju 2022, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Mediterran tax-Xlokk għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni data addizzjonali bbażata fuq l-istudji li għaddejjin u evalwazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punti (a)(viii) u (b)(vii). L-STECF għandu jivvaluta dik id-*data* u dik l-informazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2022.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN